14 ta' Marzu, 1949.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

John Tresivan *versus* Tancred Magri

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Housing Commissioner — Rekwiżizzjoni — Sentenza — Appell.**

*Il-kwistjoni jekk l-opinjoni tal-Housing Commissioner dwar is-"suitability" ta' post minnu offert għandhiex ikollha valur jew le hija kwistjoni ta' indoli ġuridika li, jekk tiġi diskussa u definita mill-Board tal-Kera, tirrendi dik is-sentenza appellabili.*

*F'materja ta' rekwiżizzjoni, dak u jiddeċidi l-Housing Commissioner huwa insindakabili mill-Qrati; imma l-opinioni tiegħu jekk post huwiex "suitable" ma torbotx il-Board tal-Kera; għax din hija ħaġa li dak il-Board biss jista' jiddeċediha; u dak il-Board biss huwa arbitru, bis-saħħa tal-poteri li tagħtih il-Liġi tal-Kera, li jgħid jekk il-"hardship" ta' wieħed huwiex akbar minn ta' l-ieħor.*

Il-Qorti, — Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li jirregola l-Kera biex jerġa' jieħu taħt idejh id-dar Nru. 30, Stella Maris Street, Sliema, mikrija lill-intimat, għax iridha għalih, waqt li offra bħala "alternative accommodation" il-flat fil-"ground-floor", 22 Don Rua Street, Sliema, fejn joqgħod hu l-lum, lill-intimat li, bħal ma jallega l-istess rikorrent, irrifjuta li jmur f'diversi postijiet offerti lilu mill-Housing Commissioner;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Board tal-Kera tal-5 ta' Jannar 1949, fejn il-Board ċaħad it-talaba, wara li kkunsidra li r-rikorrent ma' martu u tifel żgħir joqgħod fi flat proprjetà tiegħu, Don Rua Street, li fih ħames kmamar, kċina.............; li huwa

evidenti l' r-rikorrenti bil-familja li għandu.............. għandu jkun ritenut "suitably accommodated" taħt kwalunkwe rigward; li min naħa l-oħra l-intimat.............. il-flat fejn joqgħod ir-rikorrent taħt ebda rigward ma jista' jingħad "suitable" għall-intimat;

L' jekk l-intimat irrifjuta li jmur jokkupa xi djar li offrielu l-Housing Commissioner, dan ma għamlux kapriċċjożament, għax għalih, izjed minn kobor.............. Mill-bqija, l-opinjoni tal-Housing Commissioner fuq is-"suitability" ta' "premises" ma għandha u ma jista' jkollha ebda valur, għax il-kriterji tiegħu ma hemmx bżonn li jkunu dawk li dan il-Board għandu jsegwi skond il-liġi li tirregola l-materja;

Rat ir-rikors ta' l-istess Trevisan preżentat quddiem din il-Qorti, fejn talab li l-imsemmija sentenza tal-Board tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Fuq l-eċċezzjoni preliminari ta' l-inappellabilità, illi l-kwistjoni ta' indoli ġuridika diskussa u definita mill-Board fis-sentenza li minnha hemm appell, hija jekk l-opinjoni tal-Housing Commissioner fuq is-"suitability" ta' post għandhiex ikollha valur jew le, u l-Board ġie f'konklużjoni negattiva, għaliex, kif irritjena l-Board, il-kriterji tal-Housing Commissioner ma hemmx bżonn li jkunu dawk li l-Board għandu jsegwi. Din evidentement tirriżolvi pont ta' dritt, li jagħti jedd għall-appell quddiem din il-Qorti;

Ikkunsidrat;

Fuq dan il-pont, li, kif tajjeb irritjena l-Board, fil-waqt li in materja ta' rekwiżizzjoni dak li jiddeċidi l-Housing Commissioner ma hux sindakabili mit-tribunali, però jekk post huwiex "suitable" għal parti jew oħra hija ħaġa li l-Board biss għandu jiddeċidi skond il-liġi li tirregola din il-materja; u jekk hemmx "hardship" għal min jitlob li jieħu taħt idejh post li jappartjeni lilu fil-każ li t-talba tiġi miċħuda, jew għall-inkwilin jekk din id-domanda tiġi milqugħa, il-Board kompost kif inhu mil-liġi, anki minn persuni tekniċi, huwa arbitru skond il-poteri li tagħtih il-liġi li tirregola l-kera;

Ikkunsidrat ;

Fil-meritu........... dina l-Qorti taqbel mal-konklużjoni li fiha wasal il-Board ;

Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità sollevata mill-intimat bl-ispejjeż kontra tiegħu ; u waqt li tirrespinġi fil-meritu l-appell tar-rikorrent, tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Board fil-5 ta' Jannar 1949, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent appellant.